

Stqarrija għall-istampa

Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2024: Passi żgħar fil-perkors fraġli lejn “Unjoni ta’ ugwaljanza” jfissru li mhux il-pajjiżi kollha qed iħossu l-benefiċċji bl-istess mod

- **Il-punteġġ tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-UE huwa ta’ 71 minn 100, titjib ta’ 0.8 punt mill-2023 (żieda ta’ 7.9 punti mill-2010)**

Vilnius, il-Litwanja — illum l-EIGE jżvela [l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2024](#) tiegħu li juri li l-UE qed tagħmel progress bil-mod lejn “Unjoni ta’ ugwaljanza”. F’kuntest ta’ inċertezza politika u ekonomika, l-aġenzija twissi kontra l-kompjaċenza dwar dawn il-kisbiet modesti.

L-Indiċi tal-2024 juri varjazzjoni sinifikanti fost l-Istati Membri, fejn l-lżvezja tikseb l-ogħla punteġġ ta’ 82 u r-Rumanija l-aktar baxx b’57.5. Malta, iċ-Ċekja u l-Litwanja kisbu l-akbar gwadanji din is-sena, b’żidiet rispettivi ta’ +2.3, +2.0, u +1.7 punt mill-2023.

Iżda 8 mis-27 Stat Membru (iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Kroazja, il-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja) qed jaqgħu aktar lura mill-bqija tal-Ewropa fil-perkors lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

U kwalunkwe gwadann li kien diffiċli biex jinkiseb huwa fraġli. L-idea ta’ UE inklużiva u ugwali tibqa’ ’l bogħod u inċerta sakemm l-Istati Membri ma jipprijoritizzawx kwistjonijiet ta’ ġeneru fost aġendi politiċi u ekonomiċi li qed jinbidlu.

“L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija l-pedament għal Ewropa aktar b’saħħitha. L-Indiċi tal-2024 juri li l-progress huwa possibbli, iżda aħna se nżommu dan biss b’azzjoni kuraġġuża u sostnuta,” qalet id-Direttur tal-EIGE, Carlien Scheele.

“Għal dawk li jfasslu l-politika u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE, il-kwistjoni hija din: li jsir impenn sħiħ lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew li jitħallew jippersistu l-inugwaljanzi strutturali. Darba għal dejjem, irridu nirrealizzaw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija soluzzjoni għall-akbar sfidi tas-soċjetà tagħna. Għall-bini ta’ soċjetajiet aktar b’saħħithom u koeżivi.”



An EU Agency

L-Indiċi juża *data* biex jifforma fehim dettaljat ta' 6 dimensjonijiet tal-ħajja tagħna ta' kuljum: ix-xogħol, il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter u s-saħħa.

Punti ewlenin mill-edizzjoni ta' din is-sena

- 15-il Stat Membru qed joqorbu lejn il-medja tal-UE, iżda 8 pajjiżi qed jimxu b'pass aktar bil-mod u qed jaqgħu aktar lura mill-bqija tal-pajjiżi
- Id-dominju tal-**poter** huwa l-ixprunatur ewlieni tal-bidla (+19.5 punt mill-2010 u +2.3 mill-2023), li jirrifletti titjib fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-teħid ta' deċiżjonijiet
- Iżda l-proporzjon ta' Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs, Members of the European Parliament) nisa naqas għall-ewwel darba mill-1979
- Il-progress dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-**saħħa** kien l-aktar wieħed li mexxa bil-mod mill-oqsma kollha (+1.8 punt mill-2010), fejn l-istatus tas-saħħa kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel madwar l-UE qed jiddeterjora
- L-avvanzi fil-qasam tax-**xogħol** stagħaw, bid-differenzi bejn il-ġeneri l-aktar estremi fost il-koppji bit-tfal
- Fil-qasam tal-**flus**, id-differenzi bejn il-ġeneri qed jiżdiedu għal dawk li għandhom aktar minn 50 sena, u dan jirrifletti l-piż tul il-ħajja tar-responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa li jaqa' fuq in-nisa
- Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni jiffavorixxu lin-nisa: il-progress fl-**għarfien** huwa xprunat minn għadd akbar ta' gradwati, iżda s-segregazzjoni fil-fond tibqa' ostaklu għal progress sostanzjali
- Il-progress bil-mod fil-qasam tal-**ħin** (+3.3 punt mill-2010) jirrifletti l-fatt li n-nisa jassumu l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa, li jillimita l-opportunitajiet għax-xogħol, il-kura personali, l-isport, il-kultura, u d-divertiment

L-Indiċi jenfasizza kif il-vjolenza abbażi tal-ġeneru qed iżżomm lin-nisa lura f'ħafna mill-oqsma. L-Enfasi Tematika tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, maħruġa fl-2025, se tirrifletti evidenza aġġornata mill-istħarriġ il-ġdid tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Għal aktar dettalji u biex tiċċekkja l-progress ta' pajjiżek lejn l-ugwaljanza, niżżel l-edizzjoni sħiħa tal-2024 tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, [hawnhekk](#).

Għal aktar informazzjoni u talbiet għal intervisti, ikkuntattja lil Georgie Bradley

Telefon: +370 6 982 7826

Email: georgie.bradley@eige.europa.eu

Dwar l-EIGE

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (EIGE) jipproduċi riċerka indipendenti u jikkondividi l-aħjar prattiki biex jipromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jelimina d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru. Bħala l-aġenzija tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ngħinu lin-nies jiksbu opportunitajiet indaqs sabiex kulħadd ikun jista' jirnexxi, indipendentement mill-ġeneru u l-isfond tiegħu jew tagħha.

Rigward l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jgħin lil dawk li jfasslu l-politika jsegwu u jtejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-UE. Dan juża *data* biex jifforma fehim dettaljat ta' 6 dimensjonijiet tal-ħajja tagħna ta' kuljum: ix-xogħol,

il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter u s-saħħa. Billi jgħaqqad 31 metrika rilevanti mill-Istati Membri kollha, dan jagħti daqqa t'għajn lejn l-istampa kumplessiva.

Dan jippermettilna nqabblu bejn il-pajjiżi, is-suġġetti, jew il-perjodi ta' żmien. Billi jaggrega din id-*data* kollha f'punteġġ wieħed, minn 1 sa 100 (fejn 100 tfisser ugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri), dan jista' juri fejn jeżistu diskrepanzi u fejn il-politiki x'aktarx li jkollhom l-aktar impatt.